MSIDA

# KUNSILL LOKALI L-IMSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 39/K6/2012 |
| Data: | It-Tlieta, 24 ta' April 2012 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.35 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Dott. Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Brincat |
| | | Dott. Carmelo Grima |
| | | Sur Matthew Agius |
| | | Sur Emanuel Abela |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie publikat nhar il-Ħamis 20 ta' April 2012. L-Aġenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 38/K6/2011.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar.
5. Approvazzjoni għal emendi għal kontijiet tal-Kunsill għas-sena 2011.
6. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.
7. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
8. Affarijiet oħra jekk urġenti.
9. Aġġornament.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 39/K6/2012

Punt 1 Approvazzjoni tal-Minuti.

1571. Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazzjoni.

1572. Dwar minuta 1554, C Selvaggi qal li ismu għandu jiżdied mas-sentenza ‘M Agius, Dott. Grima u C Selvaggi ma qablux li għandhom isiru dawn it-tabelli’.

1573. Il-minuti ġew issekondati minn Dott. Grima. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

Punt 2 Materji mill-Minuti

1574. Dwar minuta 1542, is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellem lid-*Duty Manager* meta ċempel lill-kumpanija, u li dan għandu jkellimna lura.

1575. Dwar minuta 1543, is-Segretarju qal li din is-sistema tibda daqt, iżda għadu mfixxkel fuq id-definizzjoni ta’ ‘abbandunata’ kif mfissra fil-liġi, hekk kif ukoll, il-Kunsill għadu ma sabx persuna biex iġġorr u tarmi dawn il-vetturi skond il-liġi. Is-Segretarju qal li ser jitlob lill-avukat linji gwida speċifici kif karroza ‘abbandunata’ tiġi identifikata kif mfisser fil-liġi.

1576. Dwar minuta 1544, Dott. Grima saqsa jekk kienetx saret il-platform tal-konkos fi Triq l-Irmigg. Is-Segretarju wieġeb fil-pożittiv, u qal li l-*Bring in Site* ġejja fil-jiem li ġejjin ukoll.

1577. Dwar minuta 1547, Dott Grima saqsa f’hiex wasal ix-xiri ta’ boroż għar-riċiklaġġ. Is-Sindku u Segretarju qalu li saret laqgħa mal-*Green MT* dwar il-materja. Is-Segretarju informa lill-Kunsilliera illi l-*Green MT* għanda tgħati ftit aktar minn €8000 lill-Kunsill Lokali. Għaldaqstant il-kumpanija, kif qegħda tgħamel f’Kunsilli ohra, ser tgħati l-ammont ta’ 3500 boroż ta’ riċiklaġġ lill-Kunsill Lokali, li l-ispiza tagħhom ser titnaqqas mill-ammont hawn fuq mniżżel permezz ta’ *credit note*. Is-Sindku qal ukoll illi fis-sena skolastika li jmiss, il-kumpanija *Green MT* ser tgħamel attivitajiet edukattivi fl-iskola tal-gvern relatati mar-riċiklaġġ u l-ambjent.

Dott. Grima qal li l-Kumitat dwar l-Indafa ltaqa’, iżda l-minuti qegħdin għand M Agius li kien għadu mhux preżenti għall-laqgħa.

1578. E Brincat saqsa kienx hemm żviluppi fuq minuta 1548. Ic-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Swatar qalet li kienet għada bla risposta mingħand Transport Malta dwar it-tibdil fl-immanigjar tat-traffiku fis-Swatar.

1579. Dwar minuta 1550, Dott. Grima saqsa kienx hemm żviluppi fuq l-għażla għal-skrivan/a. Is-Sindku qal illi l-ETC infurmat lill-Kunsill b’e-mail li nistgħu

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

inżommu kandidati mill-Part 2 *on hold* waqt li jsiru intervisti ma' kandidati oħra ta' Part 3.

1580. Dott. Grima saqsa kienx hemm żviluppi fuq minuta 1553. Is-Segretarju qal illi l-kuntrattur kienx lesta x-xogħol ta' manutenzjoni quddiem *Europa Flats* fi Triq Victor Denaro.

1581. Dwar minuta 1562, C Selvaggi qal lis-Sindku biex meta tissejjaħ konferenza għall-istampa ikun avżat minn qabel. Is-Sindku qal illi huwa avża lill-Kunsilliera kollha ħames t'ijiem qabel u li dak huwa żmien xieraq għal avviż. Is-Sindku qal ukoll li għal konferenza kien mistieden ukoll il-Ministru Carm Mifsud Bonnici li ma setgħax jattendi u l-Onor. Stefan Buontempo.

1582. Dwar minuta 1563, Dott. Grima saqsa jekk il-kuntrattur hux josserva il-ħinijiet tal-knis. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi sakemm il-kuntrattur jibqa ma jgħatix ir-rotta tal-knis lill-*contracts manager* din il-materja ma tistgħax tiġi sorveljata kif mixtieq. Is-Segretarju ħeġġeġ lill-Kunsilliera jieħdu passi konkreti sabiex ix-xogħol amministrattiv ikun jista jitwettaq kif suppost.

Il-Kunsilliera iddiskutew il-ħinijiet tal-knis għas-sajf u qablu illi tali ħinijiet għandhom isiru kif gej:

15 ta' Ottubru sa 15 ta' April: 7.00am sa 12.30pm

16 ta' April sa 14 ta' Ottubru: 6.30am sa 12.00pm

Dott. Grima qal li l-Kumitat ghall-Indafa ser jitkellem mal-kuntrattur biex jara' li l-provizjonijiet tal-kuntratt jiġu osservati.

1583. Dwar minuta 1564, Dott. Grima saqsa f'hiex wasal il-Kunsill fix-xogħlijiet ta' *resurfacing* ta' Triq Victor Denaro. Is-Sindku qal li l-materja ser tiġi diskussa fil-punt tal-Korrispondenza.

1584. Dwar minuta 1567, Dott. Grima qal illi l-kanal li kien hemm quddiem id-dar tieghu ġie mgħotti bit-tarmac, u x-xogħol huwa issa lest.

1585. C Selvaggi saqsa għaliex iż-*zebra crossings* msemmija f'minuta 1569 għadom ma inżebgħux. Is-Segretarju qal illi Transport Malta ma' għandhiex kuntrattur bħalissa li jgħamel dax-xogħlijiet. C Selvaggi qal li għandna nistaqsu lill-Transport Malta jekk *upholster* li hemm fi Triq il-Harrub għandux permess għal kaxxa safra u jekk għandu, tistax issir bil-ħin.

1586. M Agius daħal fil-laqgħa. Ħin: 18.12

1587. Is-Sindku talab sospenzjoni tal-Aġenda sabiex jilħqu jiġu approvati materji finanzjarji. Il-Kunsill qabel.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Punt 5 Approvazzjoni għal emendi lill-kontijiet tal-Kunsill għas-sena 2011.

1588. Is-Segretarju ta' spjega tal-emendi minuri għal kontijiet tal-Kunsill li ġew mressqa mill-udditur tal-gvern.

1589. Il-Kunsill approva l-emendi. Il-*Financial Statements* emendati ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

Punt 6 Approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.

1590. Is-Sindku ressaq il-lista tal-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni. Il-lista ġiet approvata u iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv u żewġ Kunsilliera oħra.

Punt 3 Korrispondenza.

1591. 0459 – Is-Segretarju spjega li meta huwa kiteb lill-MEPA biex joħorġu *Enforcement Notice* fuq l-art abbandunata fi Triq l-Irmiġġ, dawn ħarġu bi żball *Enforcement Notice* fuq il-Kunsill Lokali, peress li l-Kunsill kellhu applikazjoni għall-permess pendenti fuq dik l-art li saret fis-sena 2008. Is-Segretarju qal li għamel kuntatt mal-MEPA u dan l-*enforcement* inbidel u sar fuq 'The Unknown Owner Occupier' li fil-verita ma jfisser xejn. Is-Segretarju qal illi għal ħames darba f'dawn l-aħħar tlett snin reġa informa lill-MEPA illi l-art hija tal-*Joint Office* u li l-*Enforcement Notice* għandu joħroġ fuqhom. Is-Segretarju qal illi sa fl-aħħar l-*Enforcement Notice* b'referenza ECF130/12 inħareġ kontra il-Kummissarju tal-Artijiet – Taqsima Propjeta tal-Gvern, kif muri f'korrispondenza 0457.

1592. 0381 – Is-Sindku qara l-ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li tavża lill-Kunsill illi l-iskema sportiva li kienet proposta biex titħaddem man-*nursery* ma tistgħax issir peress illi tammonta għal donazzjoni.

1593 (a). 0456 – Is-Sindku qara' l-ittra mill-kuntrattur *Road Maintenance Services Ltd.* fejn dan qed jitlob illi r-rati tal-kuntratt dwar tqegħid ta' tarmac jgħolew. Is-Segretarju qal illi għamel kuntatt ma' kuntratturi oħra fejn talabhom l-prezzijiet tagħhom għal dan ix-xogħol u qal illi sa issa wieġbu żewġ kuntratturi, liema kuntratturi huma xorta waħda ferm għola min dawn ir-rati mitluba mill-kuntrattur.

Is-Segretarju qal illi skond il-kuntratt ir-rati ma jistgħux jinbidlu f'dawk it-tlett snin li għalih ikun *in vigore* il-kuntratt, iżda li jekk il-Kunsill jaqbel, u tali rati ikunu ukoll approvati bħala *ragonevoli* mill-Perit, jista isir qbil illi tali rati jiġu riveduti. Is-Segretarju fakkar illi dan il-kuntrattur li kien ġie mgħażul mill-istess Kunsill ma għandux tarmac tiegħu, u filfatt huwa jixtri min terzi. Is-Segretarju infurmat illi dawn it-terzi ma hux qed jgħatu tramac bil-prezzijiet li preżentament hemm fil-kuntratt, u għaldaqstant il-kuntrattur ma jistgħax jgħamel ix-xogħlijiet ta' Triq Victor Denaro. Is-Segretarju qal ukoll illi s-*suppliers* tat-tarmac qed jiehdu l-istess

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

pożizzjoni ma' Transport Malta, fejn dawn qegħdin jitolbu prezz għola ghat-tarmac, peress illi l-prezz tal-qatran għola ħafna.

E Brincat sostna l-ispjega tas-Segretarju Ezekuttiv u li jekk ikollu jinħareġ tender ġdid biex isiru x-xogħlijiet ta' Triq Victor Denaro, il-prezzijiet tat-tarmac ser ikunu ferm għola min dawn mitluba f'din il-korrispondenza, u li umbgħad xorta waħda ma tiġix *worth it* meta tqabbel ma' dawn il-prezzijiet; bil-problema ukoll, illi wara l-ftuħ ta' tali tenders, il-prezz mitlub jista ma jkunx *affordable.* E Abela qabel.

1593 (b). Dott. Grima qal li għandhom isiru bir-rati oriġinali li hemm deskritti fil-kuntratt. M Agius qabel ma Dott. Grima, peress li r-residenti ġew infurmati illi x-xogħlijiet fi Triq Victor Denaro ser jerġgħu isiru għas-spejjes tal-kuntrattur.

Is-Sindku qal illi kemm Dott. Grima u kemm E Brincat għandhom raġun. Is-Sindku qal li jekk napprovaw ir-rati l-ġodda mhux ser inkunu legalment ħażin u ser inkunu ukoll prattiċi biex insolvu din il-problema. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsilliera ma jridux jinsew illi jekk naqblu li noħorġu tenders ġodda biex isir ix-xogħol, hemm il-possibilta li l-ispiża tgħola ferm u li x-xogħol ma jibqax *affordable*. Is-Sindku qabel mal-proposta ta' E Brincat, fejn tali ftehim bejn iż-żewg partijiet ikun ifisser servizz aħjar lir-residenti biex b'hekk nevitaw l-*istatus quo*.

Dott. Grima ma qabilx mas-Sindku peress illi hemm kuntratt, li hija liġi bejn żewġ partijiet, iktar u iktar ma għandux joħroġ aktar mill-kuntratt peress illi l-Kunsill ma għandu l-ebda ħtija li x-xogħol ma sarx skond l-arti u s-sengħa, u n-nuqqasijiet ibgħatihom il-kuntrattur mhux il-Kunsill, għax b'hekk ikun ħela flus publiċi ħabba żbalji li originarjament għamel il-kuntrattur.

1593 (c). Is-Sindku qal li l-kuntratt jorbot iż-żewg partijiet, huwa liġi bejn il-partijiet, u għalhekk ma hemm xejn hażin li jerġgħu jiġu negożjati r-rati, kif ukoll ma qabilx ma Dott. Grima illi jekk nimxu fuq l-parir ta' E Brincat nkunu qed nisparpaljaw flus publiċi minħabba l-fatt illi jekk nispiċċaw ngħażlu l-proposta ta' Dott. Grima, li ser finalment tfisser ħruġ ta' tenders ġodda, jidher illi x-xogħlijiet ser jiġu jiswew ferm aktar. B'hekk, inkunu qed niffrankaw flus publiċi, billi ukoll nkunu osservajna l-proċedura.

M Agius qal illi jifhem il-ħsieb tas-Sindku biex inkunu prattiċi, imma l-Kunsill ħa nsoffru biż-żieda fil-prezz u l-ispiza finali. Aħna infurmajna lir-residenti li l-flus ser joħroghom l-kuntrattur.

1593 (d). Dott. Grima talab sospensjoni tal-laqgħa. Il-laqgħa giet sospiża. Ħin: 19.00

1593 (e). Il-laqgħa komplet. Ħin: 19.04

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

1594 (f). Dott. Grima saqsa ġietx ċertifikata it-triq. Is-Segretarju qal li ma ġietx ċertifikata korretta mill-Perit tal-Kunsill. Dott. Grima qal li għandna nżommu r-rati oriġinali tal-kuntratt u b'hekk x-xogħlijiet ikunu saru għas-spejjes tal-kuntrattur, kif infurmajna lir-residenti.

Is-Sindku qal li *in vista* ta' dan kollhu jixtieq li l-Kunsill jieħu il-parir tal-Perit dwar il-materja tar-rati. E Brincat qal li hemm bżonn li issir laqgħa apposta u b'urġenza biex il-materja tiġi solvuta għax ir-residenti qegħdin ibgħatu inkonvenjent kbir. M Agius qabel. Il-Kunsill Lokali qabel li jittieħed il-parir tal-Kunsill b'hiex b'hekk din il-materja tkun tista tiġi diskussa aħjar.

1594. Is-Sindku ħareġ mill-laqgħa. Ħin: 19.15

1595. 0462 – Is-Segretarju spjega li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma ser tgħamel xogħlijiet fuq il-medda tad-drenaġġ u ilma fi Triq Giorgio Mitrovich. Is-Segretarju qal li l-Korporazzjoni ressqet proposta li wara li jsiru x-xogħlijiet tagħha, hija tgħaddi l-flus ta' *re-instatement* ta' tarmac lill-Kunsill, u b'hekk il-Kunsill ikollu parti mill-flus biex it-triq tiġi asfaltata kollha. Il-Kunsill qabel li isir hekk, u fl-istess ħin issir il-bankina mill-ġdid kif kien diġa approvat.

1596. 0450 – Il-Viċi-Sindku qrat l-ittra. Il-Kunsill qabel li jinforma lill-Transport Malta illi jekk l-Awtorita tħoss li l-persuna għandu jkollhu Un/Loading bay skond il-proċedura, mela din għanda ssir.

1597. 0329 – Dott. Grima saqsa. Is-Segretarju qal li d-Dipartiment naqqas flus mill-allokazzjoni peress illi l-Kunsill ma weġibx Memos waqt li huwa kien fuq *study leave.*

1598. 0323 – Dott. Grima saqsa. Is-Segretarju wrieh il-korrispondenza.

1599. 0380 – E Brincat qara' l-ittra dwar vandalizmu li sar fuq siġra kbira fil-ġnien ta' quddiem il-Klabb tal-Bocci, fejn is-siġra ġiet mtaqqba min taħt u xi individwu tefa' il-petrol ġos-siġra biex din tmut. Is-Segretarju qal li għamel rapport lill-Pulizija b'riferenza 6/M/769/2012. E Brincat qal li kien diġa avża lis-Sindku biex jgħamel rapport. Dan iżda baqa ma għamlux u wara erbgħa t'ijiem qal lis-Segretarju biex jgħamlu hu.

1600. 0463 – E Brincat qara korrispondenza li bgħat hu stess dwar possibilta li isiru graffiti mal-ħajt ta' faċċata tal-*Housing Estate* fi Triq il-Wied. Il-Kunsill qabel. Proposta biex jiġu irranġati l-funtani tal-Monument tal-Ħaddiem. Il-Kunsill qabel. E Brincat ressaq ukoll biex jiġi ivverifikat jekk għadx hemm fondi biex isir kuntratt ieħor tal-*Public Private Partnership*. Huwa issuġerixxa biex filkaż issir triq ix-Xatt ta' Xbiex. Dott Grima issuġerixxa li ssir Triq it-Torri. Il-Kunsill qabel li sal-laqgħa li jmiss kull Kunsillier jipreżenta toroq li huwa jaħseb li għandhom isiru. Ovjament ix-xogħlijiet finali ikunu suġġett għal *budget* tal-Kunsill.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Punt 4 Minuti mill-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar.

1601. Ic-*Chairperson* infurmat lill-Kumitat illi l-Kappillan tas-Swatar ser jitlaq daqt.

1602. Ic-*Chairperson* infurmat ukoll lill-Kunsill illi Gieħ is-Swatar ser isir fl-ewwel ġimgħa ta' Gunju, u mhux mal-festa.

1603. Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-paga tas-Segretarju tal-Kumitat. Ic-*Chairperson* qalet li d-Dipartiment qed jgħid li din l-paga għanda tibda titħallas mill-fondi tal-Kumitat u li huma ma jaqblux. Huma jaqblu li s-Segretarju għandu jibqa mħallas mid-Dipartiment. Ic-*Chairperson* qalet li l-Kunsill ta' Birkirkara ukoll qed jappoġġa din il-pożizzjoni tal-Kumitat. Il-Kunsill ma qabilx li s-Segretarju għandu jitħallas mill-fondi tas-Swatar għaliex din ma hix *budgeted* u ma hemmx allokazzjoni għaliha. Is-Segretarju qal illi din toħroġ mill-allokkazjoni tas-Swatar.

Punt 7 Minuti mill-Kumitati u Sotto-Kumitati

1604. M Agius preżenta il-Minuti tas-Sotto-Kumitat Indafa.

1605. Mis-Sotto Kumitat għall-Immanigjar tat-Traffiku, E Brincat qal li ma jaqbilx mas-suġġeriment tal-*contracts manager* dwar tibdil fil-*one-way system* ta' Triq il-Kunċizzjoni.

Punt 8 Materji oħra jekk urġenti

1606. Is-Segretarju talab għal *vacation leave* għal nhar l-14 ta' Mejju u għal bejn it-23 u 25 ta' Mejju. Il-Kunsill approva, filwaqt li ukoll approva it-tiġdid tal-*vacation leave* mis-sena 2011 għas-sena 2012.

1607. E Brincat qal li fit-tarf ta' Triq Indri Grima hemm bozza mkissra. Din għanda tiġi rappurtata lill-Enemalta.

1608. E Abela qal li għandna nesploraw il-possibilta ta' akwist ta' fondi permezz tal-MEUSEC biex isiru ħarġiet kulturali. Is-Segretarju qal illi diġa għandu il-kuntatt, u li huwa xogħol is-Sotto-Kumitat illi jgħamel il-laqgħat u ftehim neċessarju, biex b'hekk finalment jerġa jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

1609. C Selvaggi talab li tinkiteb ittra lill-MEPA fejn nistaqsu dwar il-proċedura tal-*enforcement notices* u x'jiġri wara li jkun ħareġ l-*enforcement notice*.

1610. M Agius fakkar biex isiru l-bankini li ġew approvati viċin l-Universita.

1611. E Abela qal illi l-Kappillan għandu jikteb ittra lill-Kunsill fejn ser jitlob biex il-Kunsill iġorr ikel provdut min programm tal-Unjoni Ewropeja biex ikun jista jiġi mqassam mill-Knisja lir-residenti. Il-Kunsill qabel.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Punt 9 Aġġornament

1612. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju 2012.

1613. Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 20.23

Approvati llum ______________________________

| | |
|---|---|
| Dott. Clifton Grima | Matthew Dimech |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com